# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Erbgħa, 8 ta' Mejju, 2024**

**Numru 2**

**Rikors Numru 832/12TA**

**Agostino Sant [ID 42859M] u martu Irene Sant [ID 131063M]**

**vs**

**Christopher Sant**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ġuramentat ta' Agostino Sant u martu Irene Sant (l-Atturi) tat-22 ta' Awwissu 2012 li permezz tiegħu ppremetta u talab is-segwenti:

> "Illi l-kontendenti huma l-pussessuri u s-sidien ta' porzjoni tal-art fil-Bidnija, limiti tal-Mosta, formanti parti mill-ghalqa ta' Had-Drigu, tal-kejl ta' circa mija u tlieta u hamsin metru (153mk) u ta' wisgha ta' mhux anqas minn ghaxar piedi lineari (10ft) ekwivalenti ghal tlieta punt zero hamsa (3.05) lineari, hekk kif kulurita bil-kulur 'blue' fuq il-pjanta annessa markata document AS1 liema porzjoni art isservi bhala passagg ghall-proprjeta tal-partijiet.
>
> Illi recentement, f'dawn l-ahhar xahrejn l-intimat vjolentement, abbuzivament u klandestinament u kontra r-rieda tal-esponenti hammel u qatta blat f'partijiet mill-art fuq deskritta, bena u saqqaf gibja li parti minnha tisporgi fuq l-art fuq deskritta u beda x-xoghlijiet tal-pedamenti fuq l-istess

art kif delineat bil-kulur ahmar fuq il-pjanta hawn annessa markata Dokument AS 1. Dana apparti xogholijiet ohra li ma humiex koperti bil-permessi mahruga mill-MEPA.

Illi bl-agir tieghu l-intimat kkommetta spoll vjolenti, abbuziv u klandestin peress illi l-esponenti giet spussessjata mill-godiment tal-propjeta u x-xogholijiet li saru huma ta' xkiel sabiex jaccedi ghall-propjeta tieghu li hija accessibbli mill-passagg komuni fejn l-intimat ghamel ix-xogholijiet in kwistjoni.

Illi minkejja illi l-intimat gie interpellat diversi drabi sabiex jieqaf u jerga jgib lill-esponenti fil-pozizzjoni li kienu qabel ma twettaq l-ispoll dana baqa' inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Ghaldaqstant jghid l-intimat ghaliex ghar-ragunijiet premessi u prevja kwalsiasi dikjarazzjoni li tista' tkun mehtiega, m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-intimat kkommetta spoll vjolenti, klandestin u vjolazzjoni ta' proprjeta fil-konfront tal-esponenti u li dan gie kommess entro dawn l-ahhar xahrejn;

2. Tikkundanna u tordna lill-intimat sabiex fi zmien qasir u perentorju li jigi lilu prefiss minn din l-Onorabbli Qorti jerga' jqieghed l-esponenti fi stat ewlieni ta' godiment tad-dritt ta' pussess fuq l-imsemmija porzjoni tal-art b u cioe li jigi reintegrat fid-drittijiet tieghu li minnhom gie spoljat mill-intimat u jirriprestina s-sitwazzjoni ghal dik prelevanti qabel ma saru x-xogholijiet imsemmija;

3. In difett, li l-intimat jaghmel dan fi zmien lilu moghti mill-Qorti, l-esponenti jigi awtorizzat jaghmel x-xogholijiet necessarji u ordnati mill-Qorti huwa stess u spejjez u riskju tal-intimat – kollox skond kif intqal fuq u ghar-ragunijiet fuq imsemmija u dan ai termini ta' l-Artikolu 791 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-mandat ta' Inibizzjoni prezentat kontestwalment ma dana r-rikors, kontra l-intimat li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni u b'riserva ta' kull dritt ghal danni spettanti lill-esponenti."

Rat ir-risposta ġuramentata ta' Christopher Sant (il-konvenut) li biha wieġeb u eċċepixxa s-segwenti:

"1. Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fil-ligi u ghandhom jigu michuda billi ma jirrikorrux ir-rekwiziti mehtiega bil-ligi sabiex tirnexxi din l-azzjoni.

2. Illi l-eccepjent ma kkommetta ebda spoll ghad-dannu tal-attur.

3. Illi f'kull kaz dawn il-proceduri saru inutilment u ghal ragunijiet ta' pika, u ghalhekk l-esponent m'ghandux ibati ebda spejjez. Li gara kien li fil-kors tal-kostruzzjoni sar zball u fejn parti minima mill-giebja taht l-art fil-proprjeta' tal-esponent giet tisporgi taht il-passagg li huwa proprjeta' komuni bejn il-kontendenti. Wara li dan kien accertat, l-esponent talab lill-atturi l-kunsens biex ikun jista' jaghmel ix-xoghlijiet mehtiega biex inehhiha.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri."

Rat l-atti u dokumenti kollha fil-Kawża.

Semgħet u qrat ix-xhieda mressqa fil-perkors ta' din il-Kawża.

Rat li l-Kawża tħalliet għas-Sentenza għal-lum.

**Punti ta' fatti**

**1.** Il-partijiet għal din il-Kawża huma propjetarji ta' porzjoni art kull wieħed fit-territorju denominat ta' Ħad-Drigu fil-Bidnija kif aħjar deskritti fir-rikors ġuramentat.

**2.** Il-partijiet jiġu minn xulxin. L-Attur huwa z-ziju tal-konvenut. Oriġinarjament l-art li għandu l-konvenut kienet ta' missieru Carmelo Sant li jiġi ħu l-Attur. Meta missier il-konvenut kien għadu propjetarju tal-art inkwistjoni għamel kuntratt permuta mal-Attur li jiġi ħuh, fl-atti tan-Nutar Bartholomeo Micallef tat-28 ta' Settembru 2010. B'dan il-kuntratt missier il-konvenut assenja lill-Attur in-nofs indiviż ta' porzjon art, ċioe' ta' feles mill-art tal-Bidnija, mertu ta' din il-Kawża li kellha sservi bħala passaġġ

għall-propjeta' tal-komparenti partijiet jew suċċessuri tagħhom libera u franka, bid-drittijiet u pertinenzi kollha tagħha u dan skont pjanta annessa mal-istess kuntratt (a' fol 31 tergo u 129 u 130). Ma hemmm ebda dubbju, li dak li riedu l-partijiet kien li jevitaw problemi li setgħu jinqalgħu 'l quddiem meta jiġu biex jiżvillupaw il-porzjoni rispettiva tagħhom kif fil-fatt ġara. B'dana kollu, dan l-eżerċizzju jidher li ma sewa għal xejn, għaliex dan l-inkwiet xorta nqala'.

**3.** Ġara li l-art li kellu Carmelo Sant għaddiet għand ibnu Christopher Sant il-konvenut. Għall-ħabta ta' Lulju 2012 dan beda jagħmel xi xogħolijiet ta' bini billi neħħa xi ħamrija u anke qatta' xi blat. L-Attur qiegħed jinsisti, li l-passaġġ li kien ftiehem ma' missier il-konvenut kien qiegħed jiġi kompromess b'dawn ix-xogħolijiet peress li minn għaxar piedi wisgħa, il-Konvenut ħadlu pied u nofs u kif u wkoll ħaffer ġiebja li parti minnha invadiet dan il-passaġġ kommuni, li tiegħu l-Attur għandu nofs indiviż u li huwa maħsub li jservih ta' passaġġ għall-propjeta' tiegħu.

**4.** Għalhekk l-Attur qiegħed jikkontendi li ġie abbużivament denudat mill-pussess ta' dan il-passaġġ mill-konvenut u kellu jagħmel din il-Kawża.

**Punti ta' Liġi**

**5.** L-azzjoni li qed tkun proposta mill-Attur hija waħda ta' spoll privileġġjat. Artikolu 535 tal-Kodiċi Ċivili jiddisponi hekk:

*“(1) Jekk persuna tiġi, bil-vjolenza jew bil-moħbi, mneżżgħa mill-pussess, ta’ liema xorta jkun, jew mid-detenzjonita’ ħaġa mobbli jew immobbli, hija tista’, fi żmien xahrejn mill-ispoll, titlob, b’azzjoni kontra l-awtur tal-ispoll, li terġa’ tiġi mqiegħda f’dak il-pussess jew f’dik id-detenzjoni, kif jingħad fl-artikolu 791 tal-Kodiċi ta’ Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.*

*(2) Dan it-tqegħid mill-ġdid fil-pussess jiġi ordnat mill-qorti,wkoll jekk il-konvenut ikun is-sid tal-ħaġa li tagħha l-attur ikun bata l-ispoll”.*

**6.** Dwar x’inhuma l-elementi li jridu jkunu sodisfatti biex tirnexxi l-azzjoni ta’ spoll, is-sentenzi fuq din il-materja dejjem jagħmlu referenza għall-elenku twil ta’ l-istess sentenzi b’mod repetittiv u kważi ad nauseam.

**7.** Dwar l-elementi essenzjali ta’ din l-azzjoni fis-**Sentenza tad-19 ta’ Jannar, 2009 fl-ismijiet Anthony Schembri et -vs- MarioFenech** intqal hekk:-

“*Fl-ispoll, tliet elementi huma necessarji:*

*I. Pussess materjali – Possedisse*

*II. L-att ta’ spoll jew molestja – Spoliatum fuisse*

*III. L-azzjoni ssir fi zmien xahrejn – infra bimestre deduxisse. Fil-kawza deciza mill-Qorti ta’ l-Appell Civili Superjuri fis-6 ta’ Ottubru 2000, fl-ismijiet Buttigieg Paul vs Buttigieg Raymond intqal: “Hu wkoll pacifiku illi element essenzjali biex l-azzjoni ta’ spoll privileggjat tkun tista’ tregi huwa l-pussess da parti tal-ispoljat, li jipprova li jkun sehh l-att*

*spoljattiv ta' dak il-pussess b'mod vjolenti jew klandestin da parti ta' l-ispoljant u li lazzjoni tkun giet intavolata mill-ispoljat fi zmien xahrejn minn mindu jkun gie kommess l-att spoljattiv".*

**8.** Dawn it-tlett elementi jridu jirrikorru b'mod kumulattiv u f'każ li ma jkunx hemm xi eċċezzjoni partikulari bħal *vim vim rippillere licet,* ebda spoll ma għandu jkun tollerat. L-iskop ta' din l-azzjoni huwa dak li tippunixxi lil min jagħżel li jieħu l-liġi b'idejh. Dan ifisser li din l-azzjoni tiggarantixxi s-saltna tad-dritt.

**Konsiderazzjonijiet**

**9.** Dwar l-elementi numri wieħed u tnejn fuq imsemmija, ma hemmx wisq xi tgħid. Apparti li dawn anke jirriżultaw mill-provi prodotti, l-istess konvenut fl-eċċezzjonijiet tiegħu ma kkontestax li l-Attur ma kellux il-pussess tal-passaġġ, li jista' jkun wieħed anke legali, u lanqas li l-azzjoni ma ġietx introdotta entro xahrejn mit-twettiq tal-għemil spoljattiv.

**10.** Kwantu l-element spoljattiv fih innifsu (*spoliatum fuisse*), fit-tielet eċċezzjoni tiegħu, il-konvenut jammetti li kien żball fejn parti minima mill-ġiebja taħt l-art fil-propjeta' tal-konvenut sporġiet għal taħt il-passaġġ li huwa propjeta' kommuni bejn il-kontendenti (a' fol 8 ara ukoll ittra a' fol 13). Iġifieri sa fejn jirrigwarda din il-parti tal-lament tal-Attur din tirrisulta, tant li anke il-Perit maħtur minn din Qorti jasal għall-konklużjoni cara li "*Jigi konfermat illi fil-parti bl-ittri ABC l-giebja kif tesisti illum tuzurpa parti mill-passagg stabbilit a bazi tal-kuntratt tat-28 ta' Settembru 2010 fl-atti*

*tan-Nutar Bartholmeo Micallef bejn ir-rikorrenti u l-awturi (anke il-genituri) tal-intimat.*

*Skalat minn Dok VS o102 AB ghandha kejl ta' 3.50 u BC ghandha kejl ta' 1.25. Isegwi illi l-area uzurpata hija ta' circa 2.20mk*".

**11.** Issa f'dan ir-rigward il-konvenut għid li kien żball u għalhekk din il-Qorti tiddesumi li dak li jrid għid il-konvenut hu li ma kellux dak li fis-Sentenza l-antiki kienu jqiesu bħala l-*animus spoliandi.* Din il-Qorti pero' taqbel mas-Sentenzi aktar riċenti, li sabiex jitqies li hemm spoll ma hux neċessarju li jkun hemm dan l-*animus,* altrimenti tkun qed tagħmilha faċli għal dak li jkun li jaħrab u jiskarta mill-komminazzjonijiet tal-liġi.

**12.** Għalhekk din il-Qorti taqbel mat-tagħlim ta' dawn il-Qrati meta għidu hekk:

"*Din mhix eccezzjoni dilatorja imma perentorja. U allura kif tista' l-Qorti tippermetti lill-konvenuti li jaghtu eccezzjoni simili u fl-istess hin tirrispetta dak li tghid il-ligi - li l-konvenut 'ma jista' jaghti ebda eccezzjoni li mhix dilatorja' - artikolu 791(1) Kap. 12. Il-Qorti hija ingunta li 'ghandha tezamina biss … il-fatt ta' l-ispoll' - artikolu 791(3) u allura kif tista' tezamina l-intenzjonijiet - li taw lok ghal dak il-fatt?*

*Barra minn dawn il-konflitti precizi mal-voti tal-ligi, eccezzjoni bhal din tannulla l-ispirtu kollu ta' l-istitut kif koncepit mil-ligi taghna u tiffrustra l-finalità tieghu. Difatti dak li l-finalità tirrisjedi fil-massima 'spoliatus ante*

*omnia restituendus' bl-enfasi u l-accent fuq 'ante omnia'; liema enfasi u accentwazzjoni hija nkorporata bl-istess mod, jekk mhux aktar, fl-artikolu 791(1) tal-Kap. 12 tal-ligijiet ta' Malta."*

**13.** Għalhekk sa fejn jirrigwarda l-invażjoni in parte minn din il-ġiebja tal-passaġġ, mertu ta' din il-kawża, il-Qorti ċertament taqbel li l-konvenut tassew ikkometta spoll di fronte tal-Attur.

**14.** Kwantu jirrigwarda l-ilment li l-konvenut invada anke parti mis-*superficie* tal-passaġġ, li l-Attur għid li huwa b'pied u nofs, il-Qorti ħasbet aktar, anke fid-dawl tal-konklużjonijiet raġġunti mill-Perit minnha maħtur.

**15.** Skont l-Attur l-uniku passaġġ li hemm biex jgħaddi għall-propjeta' tiegħu huwa dan il-passaġġ kommuni. Għid li minħabba x-xogħolijiet li għamel il-konvenut, illum qiegħed jgħaddi minn fuq il-propjeta' ta' dan, bil-kuntentizza tiegħu, (a' fol 29). Luke Sant, bin l-Attur, jikkonferma li "*… jien mort il-MEPA biex niccekkja l-pjanta tal-permess fejn sir naf li Chris fuq isem missieru Carmelo Sant applika fuq l-art kollha inkluz il-parti komuni u fejn iddikjara li din hija kollha tieghu meta ma kienitx"* (a' fol 35) "*waqt li is-surveyor kien qieghed jaghmel il-marki fuq il-post fil-presenza tieghi u ta' missieri gie Chris fuq il-post u nnota li konna qeghdin nohorgu l-marki tal-passagg komuni. Gie fuqna u lis-surveyor beda ghidlu 'Issa jekk hemm xi ftit pulzieri 'l hawn jew 'l hemm noqghodux infittxu ta' aqbad u ohrog ghaxar piedi minn mal-bini tieghi 'l barra u mmarka hemm'. Is-*

*surveyor wiegbu li mhux ftit pulsieri kien hemm differenza imma nofs metru*…" (a' fol 36).

**16.** Il-Perit Stephen Farrugia jixhed *"…kont hejjejt rapport fit-13 ta' Awwissu 2013 fejn ghamilt referenza ghar-rapport ta' qabel Ottubru 2012 minn fejn johrog car tul il-hajt ta' barra tal-bini kien qieghed jidhol f'dawn l-ghaxar piedi u konna stipulajna li kien qieghed jidhol b'xi pied u nofs"* (a' fol 86).

**17.** Pero' fl-affidavit tiegħu, il-konvenut jiċħad li nvada l-passaġġ komuni salv għal ponta tal-ġiebja li daħlet fuq il-passaġġ mertu tal-kuntratt ta' permuta bejn missieru u l-Attur. Iżda fl-aħħar għid hekk "*Minhabba il-problema biex il-Mepa tohrog permess ghall-passagg imfassal bejn missieri u z-ziju provajna hafna insibu soluzzjoni alternattiva mifthema billi pprovdejtilhom dhul mill-art tieghi, pero' sfortunament indahlu familjari ohra u ftehim ma sehh qatt anke jekk bil-fomm u fil-prattika qablu ma dan il-passagg li ghadhom juzaw salum" (a' fol 148).*

**18.** Il-Perit tal-Qorti jasal għall-konkluzjoni li safejn jirrigwarda l-passaġġ inkwistjoni "*Minn Dok VS 0102 u cioe' s-superimposition tas-survey ta' x'jesisti insitu illum (Dok VS 0101) fuq il-pjanta tal-kuntratt (a' fol sa 130). Jirrisulta car u manifest, illi din l-allegata uzurpazzjoni hekk kif indikata mir-rikorrenti fuq Dok AS 4 ma teziztix*".

**19.** Kieku ma kienx għall-fatt li saret l-eskussjoni ta' dan il-Perit, il-Qorti kienet tasal għall-konklużjoni li din il-parti tal-ilment tal-Atturi ma

għandhiex tintlaqa'. Iżda in eskussjoni, il-Perit tagħha qal hekk ukoll "*Jekk l-ewwel zewg ritratti li hemm fuq huma fejn allegatament kien hemm il-passagg. Il-passagg illum ma ghadux hemm*" (emfażi tal-Qorti) u jkompli għid "*jigfieri li hemm, hemm alternattiva u tidher f'dawk iz-zewg ritratti li hija hafna usa minn dik li kien hemm f'dik il-pjanta*" (a' fol 232 tergo, Emfażi ta' din il-Qorti). Il-Qorti tistqarr, li ħassitha perturbata bir-risposta, għaliex l-inkarigu ma kienx biex jiġi stabbilit jekk hemmx passaġġ alternattiv, anke jekk aktar komdu, għall-passaġġ antik kif jidher fil-pjanta annessa mal-kuntratt fuq imsemmi. Il-kwistjoni kollha hi jekk dan il-passaġġ kienx kompromess.

**20.** Li kieku din il-Qorti kellha taċċetta spjegazzjoni bħal din, tkun qed taċċetta li tgħaddi ta' min ħa l-liġi b' idejh. Fil-fatt jidher, li l-konvenut iħobb jisfida mhux biss il-liġi, iżda anke l-ordnijiet tal-Qorti, tant li ordnat li jittieħdu passi kontra tiegħu għad-disprezz lejn l-Awtorita' tagħha minħabba li irrisulta li prima facie dan kien il-Każ (ara a' fol 112 u tergo).

**21.** Huwa minnu, illi skont l-Artikolu 681 tal-Kapitolu 12 il-Qorti ma hijiex tenuta jew marbuta li taċċetta l-konklużjonijiet tar-rapport tal-perit u li, bħal materjali istruttorji oħrajn huma kontrollabbli mill-ġudikant, kontra l-konvinzjoni tagħha nfisha. *"Dan pero` ma tistax taghmlu b' mod legger jew kapriccjuz. Il-konvinzjoni kuntrarja taghha kellha tkun ben informata u bazata fuq ragunijiet li gravament ipoggu fid-dubbju dik l-opinjoni teknika lilha sottomessa b'ragunijiet li ma ghandhomx ikunu privi mill-*

*konsiderazzjoni ta' l-aspett tekniku tal-materja taht ezami"* (Ara ***Philip Grima -vs- Carmelo Mamo et nomine"*****, Appell, 29 ta' Mejju 1998**).

**22.** Ġie wkoll sewwa ritenut illi *"f'cirkostanzi bhal dawn ikun pruzuntuz ghall-gudikant illi jiddipartixxi bla raguni verament valida mir-relazzjoni peritali. Dana mhux biss ghax ma kellux il-mezzi ghad-disposizzjoni tieghu biex serenement jinoltra ruhu fl-aspetti teknici tal-meritu, imma wkoll ghaliex necessarjament tkun tonqsu dik il-konoxxenza mehtiega biex, b'mod kritiku, jasal ghal konvinciment divers minn dak li jkunu waslu ghalih l-esperti minnu nominati"* (Ara **Sentenza fl-ismijiet Benjamin Camilleri nomine -vs- Charles Debattista nomine, Appell, tad-9 ta' Frar 2001**).

**23.** Fis-Sentenza fl-ismijiet **Champalin Company Limited vs Emmanuel Debono et per Imħallef J. R. Micallef tal-1 ta' Marzu 2004** ingħad:

"*Ir-ragunament imfisser tant tajjeb fir-Rapport imressaq minnu jikkostitwixxi determinazzjoni ta' fatt li din il-Qorti sejra toqghod fuqu ghaliex, ghalkemm dictum expertorum numquam transit in rem judicatam, il-konkluzjonijiet ta' perit tekniku jikkostitwixxu prova u mhux semplici opinjoni jew suspett. Tali fehmiet ghandhom is-sahha ta' prova bhal kull prova ohra ammissibbli fil-ligi, u jibqghu jgawdu din il-kwalita' sakemm ma jigux kontestati, jew permezz ta' provi ohrajn kuntrarji ghalihom jew inkella*

*b'sottomissjonijiet serji u tajbin bizzejjed li juruhom bhala fehmiet inattendibbli u li ma jitwemmnux*".

**24.** Għalkemm il-Qorti ma hiex marbuta li toqgħod għal fehmiet ta' perit minnha maħtur kontra l-konvinzjoni tagħha nnifisha madankollu l-giudizio dell'arte ma jistax u m'għandux jitwarrab faċilment, sakemm ma jkunx jidher b'mod ċar li l-fehmiet u konklużjonijiet tal-perit huma irraġonevoli (Ara **Sentenza tal-App Ċiv tat-23 ta' Ġunju 1967 fl-ismijiet Bugeja vs Muscat et** ).

**25.** Fid-dawl tal-provi li għandha quddiemha u anke tad-dikjarazzjonijiet li għamel l-istess Perit minnha maħtur in eskussjoni kif fuq spjegat, din il-Qorti ma hiex konvinta li għandha tibqa' mal-konklużjonijiet tal-Perit tagħha sa fejn jirrigwarda l-għemil spoljattiv tal-konvenut. Meta l-istess Perit għid lil din il-Qorti li dan il-passaġġ ma għadux jesisti, ma tħossx li hija konvinta mill-konklużjonijiet tal-istess Perit anke jekk skont kif qal li llum hemm passaġġ ieħor alternattiv li forsi huwa ukoll aħjar minn dak li kien hemm qabel.

**26.** Tajba kemm hija tajba l-intenzjoni tal-konvenut, u raġjonevoli kemm huma raġjonevoli l-konklużjonijiet tal-Perit tagħha, dan ix-xorta ta' raġunament f'Kawża ta' spoll ma huwiex aċċettabbli u dan għar-raġunijiet fuq spjegati.

**27.** Għalhekk anke għall-fatt biss li l-istess Perit tagħha qal li l-passaġġ mertu ta' dawn il-proċeduri ma għadux jesisti, huwa biżżejjed mhux biss

biex din il-Qorti tallontana lilha innifisha mill-konklużjonijiet tal-Perit minnha maħtur, iżda biex tkun konvinta li fil-fatt il-konvenut tassew ikkommetta spoll privileġġjat fil-konfront tal-Atturi sa fejn jirrigwarda dan il-passaġġ.

**28.** Għalhekk il-Qorti ser tkun qed tordna lill-konvenut jirripristina dan il-passaġġ għall-istat oriġinali tiegħu kif jidher fil-pjanta li hemm annessa mal-kuntratt fl-atti tan-Nutar Bartholomeo Micallef tat-28 ta' Settembru 2010 (a' fol 129 u 130) u dan billi jneħħi kull struttura, siġar, ġwiebi u ħwejjeġ oħra invażivi f'dan il-passaġġ.

**Decide**

Għaldaqstant din il-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi din il-Kawża bil-mod segwenti:

**Tilqa' l-ewwel talba Attriċi** kif mitluba.

**Tilqa' it-tieni talba Attriċi** u tordna u tikkundanna lill-konvenut sabiex fi żmien qasir u perentorju ta' sitt (6) xhur, taħt is-superviżjoni tal-Perit Valerio Schembri, jirripristina l-passaġġ mertu ta' din il-Kawża għall-istat oriġinali tiegħu (*status quo ante*) u dan għal kif jidher fil-pjanta li hemm annessa mal-kuntratt fl-atti tan-Nutar Bartholomeo Micallef tat-28 ta' Settembru 2010 (a' fol 129 u 130) u dan billi jneħħi kull struttura, siġar, ġwiebi u kull ħaġa oħra invażiva f'dan il-passaġġ.

**Tilqa' it-tielet talba Attriċi** fis-sens, li jekk il-konvenut jonqos milli jagħmel fiż-żmien lilu mogħti dak li ordnatlu din il-Qorti fit-talba ta' qabel din, tawtorizza lill-istess Atturi sabiex a' spejjes tal-konvenut jagħmlu dawk ix-xogħolijiet kollha neċessarji kif fuq ingħad u dan taħt is-superviżjoni tal-Perit Valerio Schembri.

Jekk l-Atturi jew il-konvenuti jiltaqgħu ma' xkiel jew ostakoli biex isir dan ix-xogħol, qegħdin minn issa ikunu awtorizzati li jitolbu l-assistenza tal-Pulizija Esekuttiva u kif ukoll tal-Marixxalli ta' din il-Qorti.

Spejjes tal-Kawża għall-konvenut.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**